**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0255/2016**

18.8.2016

# RAPPORT

dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea
(2015/2255(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Guillaume Balas

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW................................ 3

NOTA SPJEGATTIVA.................................................................................................... 20

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU....................................... 23

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI........................................................................................................................ 30

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................... 34

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ...... 35

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea**
**(2015/2255(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 56, 153(5) u 154 TFUE,

– wara li kkunsidra l-libertà fundamentali tal-moviment għall-ħaddiema (l-Artikolu 45 TFUE) u l-moviment liberu tas-servizzi (l-Artikolu 56 TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 151 u 153 TFUE u l-Artikolu 9 TFUE, li jiggarantixxu protezzjoni soċjali xierqa,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI")[2],

– wara li kkunsidra l-implimentazzjoni li għaddejja tad-Direttiva 2014/67/UE,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija[6],

---

[1] ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
[2] ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11.
[3] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 284, 30.10.2009 p. 1.
[5] ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
[6] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

– – wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85[2], u d-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità[4],

– wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 3577/92 tal-Kunsill, tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu)[5],

– wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tal-persunal tal-ekwipaġġ għal servizzi regolari ta' passiġġieri u servizzi tal-bastimenti li joperaw bejn l-Istati Membri (COM(98)0251 − C4-0424/98 – 98/0159 (SYN)),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (AKESB) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FUĦT)[6], kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar spezzjonijiet tax-xogħol effikaċi bħala strateġija biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa[8],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2016/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat[9],

---

[1] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
[2] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
[3] ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35.
[4] ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.
[5] ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7.
[6] ĠU L 167, 2.7.1999, p. 33.
[7] ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30.
[8] Testi adottati, P7_TA(2014)0012.
[9] ĠU L 65, 11.3.2016, p. 12.

– wara li kkunsidra l-istandards fundamentali tax-xogħol stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-amministrazzjoni tax-xogħol u l-ispezzjonijiet tax-xogħol, li huma parametru referenzjarju internazzjonali biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet legali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema jiġu applikati,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound bit-titolu "Posted workers in the European Union (2010)" (Ħaddiema stazzjonati fl-Unjoni Ewropea - 2010)[1] u r-rapporti nazzjonali,

– wara li kkunsidra d-Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej tal-Eurofound[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE" (COM(2015)0215),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-2015 tal-Parlament bit-titolu "Drittijiet soċjali u tax-xogħol tal-UE u d-Dritt tas-Suq Intern tal-UE",

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni tal-2015 bit-titolu "Study on wage setting systems and minimum rates of pay applicable to posted workers in accordance with Directive 96/71/EC in a selected number of Member States and sectors" (Studju dwar sistemi tal-issettjar tal-pagi u r-rati minimi ta' salarju applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati skont id-Direttiva 96/71/KE f'għadd magħżul ta' Stati Membri u setturi),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-2015, imwettaq mill-Università ta' Ghent u ffinanzjat mill-Kummissjoni, intitolat 'Atypical Employment in the Aviation Sector' (Impjieg Atipiku fis-Settur tal-Avjazzjoni),

– wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni magħmul mill-President tal-Kummissjoni quddiem il-Parlament Ewropew fid-9 ta' Settembru 2015,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0255/2016),

A. billi x-xogħol mhux iddikjarat u x-xogħol indipendenti fittizju jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw fi ħsara fit-tul għas-sistemi tal-assigurazzjoni soċjali, għadd dejjem akbar ta' impjiegi prekarji u għad-deterjorament tal-livelli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u tal-kwalità tal-impjiegi b'mod ġenerali, u għalhekk għandhom jiġu miġġielda; billi t-tendenza dejjem tikber tal-esternalizzazzjoni u tas-sottokuntrattar jistgħu joħolqu possibilitajiet għall-abbuż jew għall-evitar tal-liġi soċjali u tax-xogħol eżistenti; billi huwa essenzjali li dawn l-abbużi jiġu indirizzati sabiex tinżamm il-libertà tal-moviment fis-suq intern u s-solidarjetà fl-Unjoni;

B. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema, kif stabbilit fl-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-

[1] http://www.eurofound.europa.eu/publications/report/2010/working-conditions-industrial-relations/posted-workers-in-the-european-union
[2] https://www.eurofound.europa.eu/observatories/eurwork/industrial-relations-dictionary

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista ta' servizzi huma prinċipji fundamentali tas-suq intern;

C. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li huma firmatarji tagħha l-Istati Membri kollha, tistipula li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha; billi, fir-rigward tad-dumping soċjali, sfida ewlenija għall-UE hija li żżid il-livell ta' impjieg fost in-nisa, ittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u telimina d-disparità bejn is-sessi;

D. billi wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-politiki tal-UE huwa l-koeżjoni soċjali, li tfisser l-approssimazzjoni kostanti u kontinwu tal-pagi u l-protezzjoni ggarantita tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema kollha, kemm jekk ikunu tal-post kif ukoll dawk mobbli; billi għadhom jippersistu differenzi sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi fl-Unjoni u billi l-konverġenza soċjali għall-aħjar hija essenzjali għall-prosperità u domanda interna msaħħa fl-Unjoni kollha; billi d-differenzi fil-pagi huma fost ir-raġunijiet ewlenin li minħabba fihom il-ħaddiema jitilqu minn pajjiżhom;

E. billi l-Artikolu 9 tat-TFUE jistipula bħala prinċipju fundamentali tal-Unjoni, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; billi, bħala konsegwenza tal-kriżi u r-rati għolja tal-qgħad fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-inugwaljanza qiegħda tikber;

F. billi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha teżisti, u, minkejja l-leġiżlazzjoni u r-rakkomandazzjonijet ta' liġijiet mhux vinkolanti tal-UE, il-progress f'dan il-qasam huwa ferm limitat; billi s-sitwazzjoni hija mħarrxa mid-dumping soċjali, flimkien mad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, li twassal għal diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi li tqiegħed lin-nisa anzjani f'riskju akbar ta' faqar mill-irġiel anzjani;

G. billi t-traffikar tal-bnedmin – b'mod partikolari t-traffikar tan-nisa, mhux biss minn pajjiżi terzi għall-UE iżda wkoll bejn pajjiżi tal-UE – spiss huwa assoċjat ma' kuntratti ta' impjieg foloz;

H. wara li kkunsidra li d-"dumping soċjali" qiegħed dejjem jikber minħabba r-relazzjonijiet tax-xogħol li jippreżentaw karatteristiċi extraterritorjali;

I. billi, fis-settur tat-trasport, is-sigurtà, is-sikurezza tal-passiġġieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa huma sa ċertu punt interkonnessi;

J. billi l-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport ġie kkonfermat li huwa l-objettiv aħħari tal-White Paper tal-2011 dwar it-Trasport;

K. billi l-Kummissjoni ħabbret li matul l-2016 kien biħsiebha tipproponi inizjattivi ġodda li jikkonċernaw it-trasport bit-triq, inklużi l-aspetti soċjali;

L. billi s-settur tat-trasport bit-triq huwa essenzjali għas-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u jirrappreżenta kważi tliet kwarti (72 %) mit-total tat-trasport domestiku tal-merkanzija; billi dan jittrasporta aktar passiġġieri mill-ferroviji fuq l-art u taħt l-art u l-linji tat-tramm f'daqqa, u jimpjega aktar minn 2.2 % tal-popolazzjoni totali li taħdem

tal-UE (5 miljun ruħ);

M. billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol tajba, li jipproteġu s-saħħa fiżika u mentali huma dritt fundamentali tal-ħaddiema[1], li għandhom valur pożittiv fihom infushom;

N. billi fil-15 ta' Lulju 2014 u fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2015[2], il-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, enfasizza l-ħtieġa għal suq tax-xogħol aktar ġust u tassew pan-Ewropew, li jista' jinkiseb permezz tal-promozzjoni u l-ħarsien "tal-moviment liberu taċ-ċittadini bħala dritt fundamentali tal-UE, filwaqt li nevitaw il-każijiet ta' abbużi u r-riskji tad-dumping soċjali";

O. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-341/05 *Laval* tat-18 ta' Diċembru 2007, enfasizzat id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva kontra dumping soċjali possibbli u enfasizzat li tali azzjoni trid tkun proporzjonata sabiex ma tirrestrinġix il-libertajiet fundamentali tal-UE, bħal-libertà li jiġu pprovduti servizzi;

P. billi l-Karta Soċjali Ewropea għandha tiġi rrikonoxxuta bħala l-espressjoni l-aktar matura u l-aktar dettaljata tal-kunsens fost l-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet soċjali fundamentali u, għalhekk teħtieġ li tingħata l-istess importanza bħal-libertà tal-moviment sabiex tipprovdi valur miżjud tanġibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha;

Q. billi t-tkabbir fi prattiki abbużivi u l-eżerċizzju dejjem akbar tad-dumping soċjali jdgħajfu l-appoġġ għall-prinċipju tas-suq intern u l-kompetittività tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, jimminaw id-drittijiet tal-ħaddiema Ewropej u l-fiduċja fl-integrazzjoni Ewropea u jagħmlu essenzjali l-konverġenza soċjali ġenwina; billi l-agrikoltura, il-bini, il-kostruzzjoni, il-catering u l-ikel, it-trasport, is-servizzi tas-saħħa, tal-kura u dawk domestiċi, huma l-aktar setturi kkonċernati;

R. billi l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-konverġenza soċjali essenzjali fis-suq uniku huma importanti; billi l-Artikolu 45 TFUE jistipula li l-libertà tal-moviment għandha timplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri rigward l-impjieg, ir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol u tal-impjieg;

S. billi d-dumping, kemm jekk soċjali, fiskali jew ambjentali, imur kontra l-valuri Ewropej minħabba li jipperikola l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej[3];

T. billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom ma ttrasponewx id-Direttiva 2014/67/UE, avolja d-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni kienet it-18 ta' Ġunju 2016; billi huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, ladarba din tkun ġiet trasposta fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġi ddeterminat l-impatt reali tagħha fil-ġlieda kontra d-diversi tipi ta' frodi identifikati fil-kuntest tal-istazzjonar tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati;

---

[1] L-Artikolu 31(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: "Kull ħaddiem għandu d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu."

[2] http://curia.europa.eu/juris/showPdf.jsf?text=&docid=71925&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=498309

[3] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2015-0252+0+DOC+XML+V0//MT

U. billi l-ħaddiema stazzjonati jirrappreżentaw madwar 0.7 % tal-forza kollha tax-xogħol tal-UE[1];

V. billi l-għadd ta' ħaddiema stazzjonati fl-Unjoni huwa ta' 1,92 miljun, prinċipalment fis-setturi tal-kostruzzjoni (47,7 % tal-għadd totali ta' ħaddiema stazzjonati), tas-servizzi, tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-agrikoltura;

W. billi l-moviment liberu tal-persuni huwa indispensabbli għall-proġett Ewropew, iżda wkoll prerekwiżit sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali sabiex tintlaħaq kompetittività b'saħħitha u sostenibbli fl-Istati Membri kollha;

X. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-396/13, enfasizzat li d-Direttiva 96/71/KE hija maħsuba biex, minn naħa, tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-intrapriżi nazzjonali u l-intrapriżi li jipprovdu prestazzjoni transnazzjonali ta' servizzi u, min-naħa l-oħra, tiżgura l-applikazzjoni ta' nukleu ta' regoli imperattivi ta' protezzjoni minima tal-Istat Membru ospitanti lill-ħaddiema stazzjonati;

Y. billi l-istazzjonar tal-ħaddiema għandu jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-kompetenzi u l-esperjenzi professjonali u mhux ikun sors tad-dumping soċjali;

Z. billi l-federazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trejdjunjins Ewropej jista' jkollhom rwol importanti fil-ġlieda kontra d-dumping soċjali;

Aa. billi ttieħed impenn biex ma jiżdidx il-piż finanzjarju fuq in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs;

Ab. billi l-iffissar tal-pagi huwa kompetenza tal-Istat Membru;

Ac. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-396/13, enfasizzat li l-Istat Membru ospitanti huwa kompetenti biex jiddetermina l-livell tal-paga minima kif ukoll il-metodu tal-kalkolu u li jevalwa l-kriterji applikati;

Ad. billi l-President tal-Kummissjoni ddikjara li "l-istess xogħol fl-istess post għandu jkun remunerat bl-istess mod"[2]; billi tinħtieġ kjarifika ġuridika ta' din id-dikjarazzjoni u tal-applikazzjoni tagħha;

## I. It-tisħiħ tal-kontrolli u l-koordinazzjoni bejn u mill-Istati Membri

1. Iqis li, filwaqt li ma hemm l-ebda definizzjoni legalment rikonoxxuta u aċċettata universalment ta' dumping soċjali, il-kunċett ikopri firxa wiesgħa ta' prattiki abbużivi b'mod intenzjonali u l-evitar tal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali eżistenti (inklużi liġijiet u ftehimiet kollettivi applikabbli universalment), li jippermetti l-iżvilupp ta' kompetizzjoni inġusta billi b'mod illegali jnaqqas l-ispejjeż tax-xogħol u dawk operazzjonali u jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-isfruttament tal-

[1] Ara Pacolet, Jozef, u De Wispelaere, Frederic, 'Posting of workers: Report on A1 portable documents issued in 2012 and 2013', p. 15. Skont id-data tal-Eurostat, il-forza kollha tax-xogħol tal-UE fl-2013 ammontat għal 243 miljun persuna (Labour Force Survey Overview 2013, Eurostat (http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Archive:Labour_force_survey_overview_2013).
[2] https://ec.europa.eu/priorities/sites/beta-political/files/juncker-political-guidelines_en.pdf

ħaddiema; iqis li l-konsegwenzi ta' dawn il-prattiki u sitwazzjonijiet jista' jkollhom impatt fir-rigward ta' tliet dimensjonijiet prinċipali:

– l-aspett ekonomiku: l-użu minn ċerti atturi ekonomiċi ta' prattiki illegali bħal xogħol mhux iddikjarat jew prattiki abbużivi bħal xogħol indipendenti fittizju jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet kbar fis-suq li huma detrimentali għall-kumpaniji in bona fide, b'mod partikolari l-SMEs;

– l-aspett soċjali: id-dumping soċjali jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni u trattament inġust bejn ħaddiema fl-UE u ma jħallihomx jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet soċjali u tax-xogħol tagħhom, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-paga u l-protezzjoni soċjali;

– l-aspett finanzjarju u baġitarju: in-nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa dovuti b'riżultat tad-dumping soċjali jirrappreżentaw theddida għas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri;

2. Jemmen li huwa kruċjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar l-UE u li jiġi eliminat id-dumping soċjali; jenfasizza li l-ispettorati tax-xogħol u/jew is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema, fid-definizzjoni ta' paga diċenti skont il-liġi u l-prattika tal-Istati Membri, u fl-għoti ta' konsultazzjoni u gwida lil min iħaddem; jirrimarka li 28 Stat Membru rratifikaw il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 81 dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha tagħha jiġu implimentati; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' spettorati tax-xogħol effettivi u effiċjenti u biex tiżviluppa rakkomandazzjoni bbażata fuq il-Konvenzjoni Nru 81 tal-ILO dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol sabiex tiżgura l-konformità mal-istandards tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-ħin tax-xogħol, is-sikurezza u s-saħħa; ifakkar ir-rwol importanti tas-sħab soċjali biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti;

3. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-effiċjenza u jiżguraw livelli adegwati ta' persunal u riżorsi għall-korpi ta' kontroll tagħhom (inklużi l-ispettorati soċjali u/jew tax-xogħol, l-aġenziji u l-uffiċċji ta' kollegament), inkluż għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw il-parametru referenzjarju ta' spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem, kif irrakkomandat mill-ILO, u jiżguraw li jkunu mgħammra b'mod adegwat biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema u s-servizzi;

4. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni transkonfinali bejn is-servizzi ta' spezzjoni u l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni u ta' data, sabiex itejbu l-effiċjenza tal-kontrolli maħsuba biex jiġġieldu u jipprevjenu l-frodi soċjali, l-impjieg indipendenti fittizju u x-xogħol mhux iddikjarat, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-protezzjoni tad-data, u bil-ħsieb li jkun hemm kooperazzjoni u assistenza reċiproka obbligatorja bejn l-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu programmi ta' taħriġ waqt is-servizz għall-ispetturi fl-Unjoni kollha, biex jiġu identifikati tekniki ġodda użati biex jiġu evitati r-regoli, u biex tiġi organizzata l-kooperazzjoni transkonfinali; jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kummissjoni fil-finanzjament tal-programmi ta' tagħlim reċiproku għall-ispetturi tax-xogħol fl-Istati Membri; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess

għall-ispettorati nazzjonali tax-xogħol u/jew is-sħab soċjali għall-postijiet tax-xogħol effettivi kollha u għall-postijiet tal-għajxien assoċjati pprovduti minn min iħaddem, fejn dan ikun permess mil-liġi nazzjonali u bir-rispett dovut għall-privatezza, peress li dan huwa prerekwiżit biex huma jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom u jiċċekkjaw għal każijiet ta' dumping soċjali; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra li proġetti Eurodetachement fi pjattaforma permanenti għall-iskambju, it-taħriġ konġunt u l-kollaborazzjoni għall-ispetturi tax-xogħol (u l-uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċji ta' kollegament għall-ħaddiema stazzjonati) involuti fil-kontroll u l-monitoraġġ – pjattaforma li tista' tiġi inkluża fil-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat, jew li tista' taħdem f'koordinazzjoni magħha;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu, fejn applikabbli, task forces bilaterali ad hoc u, fejn meħtieġ, task force multilaterali li tinkludi l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-ispetturi tax-xogħol, biex iwettqu, suġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri kollha kkonċernati, kontrolli transkonfinali fuq il-post, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-kontrolli, f'każijiet suspettati ta' dumping soċjali, xogħol f'kundizzjonijiet illegali jew ta' frodi, u biex jidentifikaw kumpaniji tal-isem ("letterbox companies"), aġenziji ta' reklutaġġ frawdolenti u abbużi tar-regoli li jirriżultaw fl-isfruttament tal-ħaddiema; jirrimarka li dawn it-task forces jistgħu jaħdmu f'koordinazzjoni mal-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat u mal-Kumitat tal-Ispetturi Anzjani tax-Xogħol sabiex jiġi limitat il-piż finanzjarju involut, u li dawn jistgħu joħolqu netwerk ta' servizzi ta' spezzjoni soċjali nazzjonali biex jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni; iqis ukoll li kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali hija importanti fl-isforz biex jintemm id-dumping soċjali u li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni aktar effettiva tal-leġislazzjoni eżistenti u biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ispezzjonijiet tax-xogħol, speċjalment fir-rigward tal-ispezzjonijiet tax-xogħol transkonfinali; jilqa' t-tnedija tal-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat u l-għanijiet stabbiliti minnha bil-ħsieb li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat; jittama li din il-pjattaforma se tgħin biex tidentifika u tindirizza każijiet ta' ksur tal-liġi tax-xogħol nazzjonali u tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-azzjoni kontra l-ksur tad-drittijiet soċjali tiġi kkumplimentata minn ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, sabiex jiġu garantiti kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi;

8. Jinnota li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet irregolari huma fost l-aktar forom komuni ta' evitar tar-regoli dwar l-istazzjonar; jirrakkomanda li, fil-każ tal-istazzjonar tal-ħaddiema, għandu jkun obbligatorju fl-Istati Membri kollha li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mhux aktar tard minn meta l-provvista tas-servizzi tibda, u li tali dikjarazzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'reġistru Ewropew li jagħmilha aktar faċli li jiġu kkonsultati, biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u jillimitaw l-inċertezzi legali attwali li ġejjin mid-differenzi bejn il-proċeduri u d-dokumenti minn pajjiż għal ieħor;

9. Jenfasizza li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, f'konsultazzjoni ma' dawk tal-Istat li jibgħat, għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw l-affidabilità tal-formola A1 f'każ ta' dubji serji dwar kemm stazzjonament huwa ġenwin; jistieden lill-grupp ta' ħidma amministrattiv ad hoc dwar il-formola A1 biex iżid l-isforzi tiegħu billi jtejjeb l-affidabilità tal-formoli A1, u biex jesplora l-possibilità li jiffaċilita l-monitoraġġ billi jiġbor il-formoli A1 f'sistema diġitali unika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) tkun operazzjonali bis-sħiħ, tintuża mill-Istati Membri kollha u tkun imfassla skont il-ħtiġijiet tal-SMEs; jenfasizza li aċċess imtejjeb għal informazzjoni għall-ħaddiema, min iħaddem u l-ispetturi tax-xogħol, pereżempju permezz ta' sit elettroniku nazzjonali uniku, huwa wieħed mill-għodda ewlenin fil-ġlieda kontra l-ksur tar-regoli;

10. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni Nru 189 tal-ILO dwar il-ħaddiema domestiċi; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa legali li jippermettu l-impjieg legali ta' ħaddiema u carers domestiċi, sabiex tkun ipprovduta ċertezza legali għal min iħaddem u kundizzjonijiet ġusti tal-impjieg kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti għall-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema domestiċi u, jekk ikun meħtieġ, jissottomettu rakkomandazzjonijiet għal titjib bi qbil mat-Trattati attwali (b'mod partikolari l-Artikolu 153(1) TFUE), inkluż taħriġ xieraq u l-għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' din il-kategorija ta' ħaddiema;

11. Jinnota li n-nisa huma dawk li jintlaqtu l-aktar mid-dumping soċjali f'ċerti setturi, b'mod partikolari s-settur tal-ekonomija domestika u s-settur tal-kura (speċjalment il-kura fid-dar), iżda wkoll f'setturi ta' 'stazzjonar' tradizzjonali, bħalma huma s-settur tal-ipproċessar tal-laħam u s-settur tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tevalwa s-sitwazzjonijiet kollha fejn in-nisa jesperjenzaw dumping soċjali u dumping tal-pagi jew jitħaddmu f'xogħol mhux iddikjarat, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata eżistenti;

12. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni transnazzjonali u lokali bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi, it-trejdjunjins u l-NGOs, bil-ħsieb li jindirizzaw il-problemi spiss kumplessi ħafna li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema migranti, u biex iqisu l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll l-elementi l-oħra kollha relatati mal-kwalità tal-ħajja inklużi s-saħħa ġenerali, l-inklużjoni soċjali u l-akkomodazzjoni;

13. Jenfasizza l-importanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/67/UE dwar l-infurzar transkonfinali tal-pieni u/jew is-sanzjonijiet amministrattivi finanzjarji, li se jgħinu jeliminaw il-ksur tal-leġiżlazzjoni; iqis li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jimponu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, inkluża l-possibbiltà li jissospendu l-forniment ta' servizzi f'każ ta' ksur serju tal-leġiżlazzjoni dwar l-istazzjonamenti jew ta' ftehimiet kollettivi applikabbli; iqis li l-ammont ta' dawn il-multi għandu jservi ta' deterrent, u li l-għoti ta' informazzjoni lill-SMEs dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar l-istazzjonar għandu jittejjeb;

14. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu b'mod konsiderevoli l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali għall-ħaddiema stazzjonati, bil-ħsieb li jtejbu l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti; ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina l-

benefiċċji tal-introduzzjoni, u jekk xieraq, tipprovdi, karta Ewropea tas-sigurtà soċjali li ma tkunx tista' tiġi ffalsifikata, jew dokument elettroniku ieħor fl-UE kollha, li fuqu tinħażen id-data kollha meħtieġa biex jiġi vverifikat l-istatus tas-sigurtà soċjali tad-detentur abbażi tar-relazzjoni tal-impjieg tiegħu jew tagħha[1], kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa assoċjata mal-istazzjonar tal-ħaddiem, b'konformità stretta mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fejn tiġi pproċessata data personali sensittiva; jenfasizza, madankollu, li dan m'għandux jirrestrinġi jew jimmina b'xi mod id-dritt tal-awtoritajiet u s-sħab soċjali tal-pajjiżi ospitanti, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, milli janalizzaw u jwettqu kontrolli u verifiki tal-kontenut tad-data ta' tali karta;

15. Jitlob li titfassal lista fil-livell tal-UE ta' intrapriżi, inklużi kumpaniji tal-isem, responsabbli għal ksur serju tal-leġislazzjoni Ewropea tax-xogħol u dik soċjali – wara li jkunu rċevew avviż minn qabel – li tista' tiġi kkonsultata biss mill-awtoritajiet ta' spezzjoni rilevanti; jitlob li dawn l-intrapriżi jiċċaħdilhom l-aċċess għal kuntratti pubbliċi, sussidji pubbliċi u l-fondi tal-UE għal perjodu statutorju;

16. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkooperaw minn naħa għall-oħra tal-fruntieri fir-rigward ta' informazzjoni dwar l-infurzar, jagħtu lill-awtoritajiet ta' sorveljanza aċċess aħjar għad-data mniżżla fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri u fir-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) u jikkonsolidaw il-lista ta' ksur li jwasslu għat-telfa tar-reputazzjoni tajba tal-operaturi tat-trasport bit-triq billi jinkludu n-nonkonformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti; jenfasizza li r-responsabilità għall-ksur tar-regoli għandha taqa' fuq dawk li jagħtu l-ordnijiet lill-ħaddiema;

## II. L-indirizzar ta' diskrepanzi regolatorji sabiex tiġi infurzata l-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali u Ewropea, u l-indirizzar ta-prinċipju tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni

17. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex telimina n-nuqqasijiet li ġew identifikati fir-regoli attwali, sabiex tiġġieled kontra d-dumping soċjali u l-frodi soċjali u fiskali b'mod effettiv;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/67/UE u l-effikaċja tal-Pjattaforma Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat fil-ġlieda kontra l-fenomenu tal-kumpaniji tal-isem billi tapplika b'mod aktar ġenerali l-prinċipju li kull kumpanija għandu jkollha kwartier ġenerali korporattivi prinċipali wieħed u billi tiżgura li f'każijiet ta' forniment bla ħlas ta' servizzi bl-użu ta' ħaddiema stazzjonati, kull fornitur ta' servizz involut għandu jwettaq "attività ġenwina" fl-Istat Membru ta' stabbiliment, u għalhekk ikun impriża ġenwina; ifakkar l-importanza li l-intrapriżi jkollhom "attività ġenwina" fl-Istat Membru ta' oriġini bħala ġustifikazzjoni għall-istazzjonar tal-ħaddiema; ifakkar fir-rifjut mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tiegħu tal-proposta għal direttiva dwar kumpaniji b'responsabilità limitata magħmulin minn persuna waħda, peress li xi wħud mid-dispożizzjonijiet proposti jistgħu jiffaċilitaw il-ħolqien ta' tip ta' entitajiet li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi tagħhom ikunu fittizji, jikkostitwixxu ksur tal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet u l-liġi, u jirriżultaw f'telf ta' biljuni ta' euro fid-dħul mit-taxxi; jitlob lill-

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2014 dwar spezzjonijiet tax-xogħol effikaċi bħala strateġija biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa (Testi adottati P7_TA(2014)0012).

Kummissjoni tqis il-possibbiltà li tipproponi reġistru trasparenti u aċċessibbli tan-negozju tal-kumpaniji kollha tal-UE u l-użu obbligatorju tas-sistema EESSI;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi rapport ġdid dwar il-progress imwettaq mill-Istati Membri fit-titjib neċessarju tal-amministrazzjonijiet u s-sistemi nazzjonali tat-taxxa tagħhom bil-għan li jindirizzaw il-frodi tat-taxxa, kif propost fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa" (COM(2012)0722);

20. Jinnota li d-Direttiva 96/71/KE tirreferi biss għall-Artikoli 64 u 74 tat-TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, anki jekk wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-direttiva huwa li jitħarsu l-ħaddiema; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għall-importanza tal-Artikoli 151 u 153 tat-TFUE, li jistabbilixxu għanijiet għall-UE u l-Istati Membri rigward il-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol, protezzjoni soċjali adegwata, il-promozzjoni ta' djalogu soċjali jew anke l-ġlieda kontra l-esklużjoni;

21. Jirrikonoxxi r-riskji assoċjati ma' katini twal ta' sottokuntrattar; ifakkar li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali rilevanti, mekkaniżmi ta' "responsabilità solidari" fil-livell nazzjonali li jkunu applikabbli għal kumpaniji lokali u barranin, sabiex il-ħaddiema lokali u barranin ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; ifakkar li din il-possibbiltà kienet ikkonfermata bid-Direttiva 2014/67/UE; jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-applikazzjoni tal-obbligu mqiegħed fuq l-Istati Membri minn din id-Direttiva li jipprevedu miżuri li jiżguraw li, fis-settur tal-kostruzzjoni, il-ħaddiema stazzjonati fil-katini tas-sottokuntrattar, ikunu jistgħu jżommu lill-kuntrattur - li tiegħu min iħaddimhom ikun subkuntrattur dirett - responsabbli fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema;

22. Jinnota l-problemi relatati mad-Direttiva 96/71/KE u l-implimentazzjoni tagħha; jenfasizza l-importanza li dawn il-problemi jiġu indirizzati sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, ir-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji li jistazzjonaw u dawk lokali fil-pajjiż ospitanti, li huwa partikolarment importanti għall-SMEs; jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha tad-Direttiva 2014/67/UE; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi d-Direttiva 96/71/KE billi tinkludi limitazzjoni fuq il-perjodi ta' stazzjonar, tintroduċi dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni u tiddefinixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg sabiex tiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, kif stabbilit fil-liġi tal-UE sa mit-Trattati fundaturi; jinsisti li r-regoli dwar l-istazzjonar għandhom ikunu ċari, proporzjonati u ġustifikati; jenfasizza l-ħtieġa tal-konformità mal-ftehimiet kollettivi u s-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali tal-pajjiż ospitanti;

*Il-ħaddiema mobbli: il-ġlieda kontra d-dumping soċjali fil-qasam tat-trasport*

23. Jitlob li jiżdied il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ fl-industrija tat-trasport bit-triq; jitlob li jkun hemm titjib fl-apparati ta' monitoraġġ u introduzzjoni f'waqtha ta' takografi intelliġenti għall-użu professjonali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa, effiċjenti u nondiskriminatorja tal-leġiżlazzjoni eżistenti mill-Istati Membri mingħajr ma jinħoloq l-ebda piż amministrattiv żejjed; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħolqien ta' 'fajl elettroniku u

integrat tal-operatur' għall-operaturi kollha li joperaw fil-qafas tal-liċenzja Komunitarja, bil-għan li tinġabar id-data rilevanti kollha dwar il-karriera, il-vettura u s-sewwieq li tkun inġabret waqt il-kontrolli fit-triq;

24. Jitlob biex jiġu intensifikati l-kontrolli fir-rigward tal-konformità mal-ħidma, mad-disponibbiltà għax-xogħol (stand-by), mal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ fis-setturi rilevanti kollha, bħall-kostruzzjoni, il-catering, is-saħħa u t-trasport, kif ukoll għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għal nuqqas gravi ta' konformità;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tippromwovi l-istandardizzazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri kollha rigward it-trasport bit-triq;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina u ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tat-trasport bit-triq fost l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' sforzi oħra intiżi biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi; jinnota li l-infurzar tal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam huwa primarjament ir-responsabilità tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib mal-Euro Contrôle Route u man-Netwerk Ewropew tal-Pulizija tat-Traffiku (TISPOL) bil-għan li jtejbu l-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-trasport bit-triq tal-UE billi jiżguraw l-implimentazzjoni ugwali u xierqa tagħha;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika b'mod kollettiv, għall-persunal mobbli fl-industrija tat-trasport bit-triq, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) kif interpretat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Koelzsch* (C-29/10, sentenza tal-Qorti (Awla Manja)) tal-15 ta' Marzu 2011;

28. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaqsmu l-fehmiet tagħhom sabiex jiċċaraw id-dispożizzjonijiet rilevanti sabiex tiġi stabbilita distinzjoni bejn impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom, bil-ħsieb li jiġi miġġieled l-"impjieg indipendenti fittizju", u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi msejsa fuq l-indikaturi dwar l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg skont ir-Rakkomandazzjoni Nru 198 tal-ILO dwar ir-relazzjoni tax-xogħol, filwaqt li ma ssirx diskriminazzjoni kontra l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom b'mod ġenwin b'għadd żgħir ta' klijenti; jenfasizza l-bżonn li jiġi ssorveljat l-istatus tal-impjieg ta' ħaddiema bħall-bdoti tal-linji tal-ajru u s-sewwieqa tal-ferroviji u r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom mal-kumpaniji li jaħdmu magħhom; jenfasizza li l-problema ta' xogħol indipendenti fittizju għandha konsegwenzi sinifikanti fir-rigward tal-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema u s-sikurezza, u jista' jkollha effett fuq il-kompetizzjoni ġusta;

29. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni timmonitorja b'attenzjoni l-akkwisti minn linji tal-ajru minn barra l-UE bil-ħsieb li tistabbilixxi, bħala kwistjoni ta' urġenza, ir-regolamenti f'dan il-qasam biex tiġġieled il-fenomenu mifrux tal-"bejgħ" ta' salvagwardji soċjali bi skambju għal kundizzjonijiet ekonomiċi li biss jidhru li huma aktar vantaġġużi; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li s-salvagwardji soċjali previsti mill-kuntratti tal-ħaddiema mill-UE jkunu *conditio sine qua non* għal akkwisti bħal dawn;

30. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li fl-Istati Membri kollha jiġi implimentat u applikat

b'mod korrett ftehim kollettiv nazzjonali, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, biex jiġu żgurati ċerti regoli dwar il-ħinijiet tal-mistrieħ u salvagwardji soċjali xierqa, speċjalment f'każ ta' akkwisti minn linji tal-ajru barra mill-UE;

31. Jirrifjuta kwalunkwe liberalizzazzjoni ulterjuri tal-kabotaġġ qabel ma tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku attwali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi regoli mtejba bil-ħsieb li tiżgura implimentazzjoni aħjar u sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat (92/106/KEE[1]) bil-għan li jiġu eliminati l-prattiki inġusti, u jappella għal aktar miżuri biex ikun hemm konformità mal-leġislazzjoni soċjali relatata mat-trasport ikkombinat;

32. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għandhom sistema ta' pedaġġ iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza d-data tal-pedaġġ miġbura biex tiġi vvalutata ħalli l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ikunu jistgħu jiġu skrutinizzati b'mod aktar effettiv;

33. Jirrakkomanda li, fil-każ ta' akkwist u trasferimenti tas-sjieda tas-soċjetajiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar dawn ir-rekwiżiti u ma jiġux injorati iżda jinżammu fil-kuntratti l-ġodda, fis-sens tad-Direttiva 2001/23/KE[2] dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi;

34. Jitlob li r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jittejjeb sabiex jiżgura l-applikazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol għal-linji tal-ajru li jkollhom bażijiet operattivi fl-UE u biex isaħħaħ id-definizzjoni u l-kunċett tat-terminu "post prinċipali tan-negozju", u wkoll, fil-kuntest tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-liġi tax-xogħol, li tiġi allinjata d-definizzjoni ta' "bażi tas-servizz" għall-membri tal-ekwipaġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 83/2014[3] u r-Regolament (UE) Nru 465/2012[4];

35. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fir-rigward tar-Regolament tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u leġiżlazzjoni rilevanti oħra, jappoġġjaw il-kuntratti ta' impjieg dirett bħala l-mudell standard u jirrestrinġu l-użu ta' kuntratti ta' impjieg atipiċi;

36. Jappella sabiex jitħarsu d-drittijiet soċjali tal-persunal tal-kabina;

37. Ifakkar li, skont l-emendi magħmula għar-regolamenti Ewropej ta' Ruma I għall-ħaddiema mobbli fl-2012, id-dritt soċjali applikabbli jrid ikun dak "tal-istat li minnu"

---

[1] Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014 tad-29 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 28, 31.1.2014, p. 17).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4).

titwettaq l-operazzjoni kummerċjali jew is-servizz;

38. Jistieden lill-Istati Membri jirrevedu l-liġijiet tagħhom biex jiżguraw li l-kuntratti kollha fis-settur tal-avjazzjoni jipprovdu impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet ta' xogħol tajba; iqis li kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol jikkostitwixxu fattur aggravanti tar-riskji għas-sigurtà; jissottolinja li l-kompetittività ma għandhiex twassal biex jiġu ssagrifikati s-salvagwardji soċjali tal-ħaddiema u l-kwalità tas-servizzi;

39. Jenfasizza li d-dimensjoni soċjali tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa ppubblikata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2015 għandha tissaħħaħ, peress li l-impjiegi ta' kwalità u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tajba huma marbuta direttament maż-żamma tas-sikurezza u s-sigurtà kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-persunal; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jissorveljaw u jiżguraw l-infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni soċjali nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi għal-linji tal-ajru b'bażijiet operattivi fit-territorju tal-UE; ifakkar, f'dan ir-rigward, ir-rabta ta' bejn l-istandards soċjali u ambjentali u l-kwalità tas-servizz, kif ukoll is-sikurezza; jagħraf l-importanza li jiġi stabbilit it-taħriġ minimu għall-persunal tal-manutenzjoni fl-avjazzjoni ċivili; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi rieżami tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea[1], u biex tanalizza l-kawżi tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tiegħu; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw ir-regoli dwar it-taħriġ inizjali u dwar il-liċenzjar tal-ekwipaġġ tal-ajru bil-għan li jeliminaw in-nuqqasijiet li jwasslu għall-isfruttament tal-bdoti;

40. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibilità ta' proposta addizzjonali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli fis-settur tat-tbaħħir, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekwipaġġ tal-bastimenti;

41. Iqis li, fis-settur marittimu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni soċjali, inkluża l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, tal-2006; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw miżuri li jinkoraġġixxu r-reklutaġġ u ż-żamma ta' baħħara tas-sengħa bbażati fl-Ewropa;

*Nantiċipaw l-isfidi marbuta mad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija*

42. Ifakkar l-importanza li l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali u ta' kondiviżjoni jintrabat mal-protezzjoni tal-ħaddiema f'dan is-settur ġdid, fejn prattiki ta' xogħol aktar flessibbli jistgħu jirriżultaw f'forom ta' impjieg bi standards aktar baxxi fir-rigward tas-sigurtà soċjali, il-ħinijiet tax-xogħol, il-post tax-xogħol, it-taħriġ, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-impjegati; jenfasizza li l-libertà tal-assoċjazzjoni u d-dritt għan-negozjar kollettiv għandhom ikunu applikabbli fil-kuntest ta' dawn il-forom ġodda ta' impjieg, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-prattika nazzjonali; jenfasizza li l-Istati Membri jridu jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom għall-ekonomija diġitali u ta' kondiviżjoni, u jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali jevalwaw malajr id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli għal dan is-settur u, jekk ikun meħtieġ, ifasslu proposti biex jirregolaw l-ekonomija

[1] ĠU L 162, 30.4.2004, p. 1

diġitali, ta' kondiviżjoni jew kollaborattiva sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema;

43. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni għandha impatt kruċjali fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej; jenfasizza li, minn banda, id-diġitalizzazzjoni tista' tiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u impjiegi ġodda (speċjalment għall-ħaddiema b'ħiliet għolja iżda wkoll għal ħaddiema b'ħiliet baxxi), iżda mill-banda l-oħra, tista' twassal ukoll għal forom prekarji ta' impjiegi; jenfasizza l-ħtieġa li d-dimensjoni soċjali titqies fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ta' tkabbir u ta' impjiegi relatat, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tfassal is-suq uniku diġitali b'mod soċjalment ġust u sostenibbli; huwa tal-fehma li l-iskemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti għandhom ikunu adattati għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema fl-ekonomija diġitali u ta' kondiviżjoni biex tiġi żgurata protezzjoni soċjali adegwata għal dawk il-ħaddiema;

44. Ifakkar li f'xi setturi ekonomiċi bħall-agrikoltura, is-sigħat tax-xogħol ivarjaw skont limitazzjonijiet staġjonali;

## III. Lejn il-konverġenza soċjali 'l fuq

45. Jenfasizza s-supremazija tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jsaħħu d-djalogu soċjali, li għandu rwol kritiku fil-kisba ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ta' livell għoli; jenfasizza li l-liġi tax-xogħol u l-istandards soċjali għoljin għandhom rwol kruċjali fl-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ekonomiji, is-sostenn tad-dħul, u l-inkoraġġiment tal-investiment fil-kapaċità; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, id-dritt u d-dokumenti ta' politika tal-UE għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet tat-trejdjunjins, jikkonformaw mal-ftehimiet kollettivi u jiddefendu t-trattament ugwali tal-ħaddiema;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri speċifiċi biex tgħin lin-nisa milquta mid-dumping soċjali billi tiffoka fuq il-politiki u l-miżuri ġenerali kollha dwar il-ksib tal-ugwaljanza, filwaqt li tqis is-segregazzjoni li għaddejja fis-suq tax-xogħol u l-inugwaljanza fil-kuntratti ta' impjieg, kif riflessi fid-differenzi li attwalment jeżistu bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

47. Jenfasizza li l-inugwaljanza qed tikber fl-Ewropa, u b'hekk qed timmina l-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020 dwar il-faqar u l-impjiegi;

48. Jenfasizza l-importanza tat-twaqqif ta' mekkaniżmi ekonomiċi, fiskali u soċjali fit-territorju tal-Unjoni u/jew fiż-żona euro, li jtejbu l-livelli tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE billi jnaqqsu l-iżbilanċi ekonomiċi u soċjali; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex, fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li tagħti lill-Istati Membri bħala parti mis-Semestru Ewropew, tinkorpora l-opinjonijiet dwar il-kwistjonijiet soċjali bil-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema permezz tal-konverġenza;

49. Jinnota t-tnaqqis sinifikanti fir-rata tal-impjieg b'riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-progress li sar fil-qasam tar-robotika u l-intelliġenza artifiċjali, u l-fatt li huwa għaldaqstant inevitabbli li jkun hemm tnaqqis ulterjuri fl-għadd ta' impjiegi, u jipproponi bidla fundamentali lill-Kummissjoni bil-għan li tpoġġi l-enfasi fuq "l-introjtu" aktar milli fuq "ix-xogħol", u b'hekk issegwi l-objettiv li tiggarantixxi "dħul

minimu taċ-ċittadin" madwar l-UE li jippermetti lin-nies jgħixu ħajja ħielsa u dinjituża;

50. Ifakkar l-impenn tal-Kummissjoni li tistabbilixxi pilastru tad-drittijiet soċjali u jenfasizza l-ħtieġa għal konverġenza soċjali 'l fuq sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 151 TFUE; jenfasizza li t-twaqqif ta' kriterji biex jitqabblu flimkien id-diversi sistemi soċjali nazzjonali ma jistax jipprovdi tali pilastru, iżda jista' jservi biss ta' qafas analitiku preliminari; jenfasizza li l-adozzjoni ta' pilastru tad-drittijiet soċjali m'għandhiex twassal biex jitbaxxew l-istandards tax-xogħol u soċjali eżistenti;

51. Jinnota l-livelli differenti ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati u ta' min iħaddem fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt ekonomiku u soċjali ta' dawn id-differenzi fil-kuntest tas-suq uniku;

52. Iqis li l-pagi li jippermettu li l-ħaddiema jgħixu ħajja diċenti huma importanti għall-koeżjoni soċjali u għaż-żamma ta' ekonomija produttiva; jitlob għar-rispett għan-negozjar kollettiv, u għall-promozzjoni tiegħu; jirrakkomanda wkoll l-istabbiliment ta' pagi bażiċi fil-forma ta' paga minima nazzjonali, fejn applikabbli, filwaqt li jiġu rrispettati l-prattiki ta' kull Stat Membru u wara li jiġu kkonsultati s-sħab soċjali, bl-għan li gradwalment tal-anqas jintlaħaq il-livell ta' 60 % tal-paga medja nazzjonali rispettiva, jekk ikun possibbli, biex jiġu evitati d-differenzi eċċessivi fil-pagi, biex jiġu appoġġjati d-domanda aggregata u l-irkupru ekonomiku u biex tissaħħaħ il-konverġenza soċjali 'l fuq;

53. Jinnota l-valur potenzjali tal-istabbilizzaturi awtomatiċi fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-unjoni ekonomika u monetarja kollha kemm hi; jenfasizza l-ħtieġa li dawn l-istabbilizzaturi jiġu akkumpanjati b'politiki effettivi ta' impjieg li l-għan prinċipali tagħhom huwa li joħolqu impjiegi ta' kwalità;

54. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tikkunsidra l-ħtieġa li tieħu azzjoni fil-livell tal-UE biex tindirizza diversi aspetti tal-esternalizzazzjoni, inkluża l-estensjoni tar-responsabilità in solidum fil-katina tas-sottokuntrattar;

55. Jenfasizza li s-sottokuntratturi kollha, inklużi l-aġenziji temporanji li l-aktar jibagħtu nisa lejn Stati Membri oħra biex iwettqu xogħol domestiku u jipprovdu kura fid-dar, għandhom ikunu responsabbli għall-pagi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni għall-inċidenti u d-dispożizzjonijiet tal-mard u l-korrimenti mhux imħallsa; jisħaq li s-sottokuntratturi jeħtieġ li jkunu kapaċi wkoll jassistu lill-impjegati f'każ ta' trattament ħażin u abbuż mill-klijenti, kif ukoll fir-rimpatriju;

56. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li tistabbilixxi strument li bih il-kumpaniji jistgħu jkunu soġġetti għal obbligu akbar ta' kura li għalih ikunu jistgħu jinżammu responsabbli, kemm fir-rigward tas-sussidjarji tagħhom kif ukoll tas-sottokuntratturi tagħhom li jaħdmu f'pajjiżi terzi, sabiex jiġi evitat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-korruzzjoni, korriment fiżiku jew ħsara ambjentali gravi u l-ksur tal-konvenzjonijiet tal-ILO;

57. Iqis li d-Direttiva 96/71/KE u r-regoli li jikkoordinaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali għandhom ikunu applikabbli għall-impjieg ta' ħaddiema stazzjonati minn pajjiż terz, abbażi tar-Regolament Modalità 4 tad-WTO u fil-qafas tal-ftehimiet kummerċjali, sabiex jiġi evitat li jkun hemm trattament aktar favorevoli tal-intrapriżi u ħaddiema minn pajjiżi terzi milli ta' dawk mill-Istati Membri;

58. Jitlob lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din ir-riżoluzzjoni sa fejn ikun possibbli;

59. Jenfasizza l-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar tad-diversi politiki Ewropej;

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Apparti l-ambizzjonijiet ta' paċi u ta' prosperità li oriġinaw wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-Ewropa ġiet definita mid-disinjaturi tagħha bħala spazju demokratiku, mogħni b'ekonomija ta' suċċess u bi protezzjoni soċjali ta' livell għoli.

Ir-rapporteur jissottolinja li qabel kollox ingħatat prijorità għall-bini u għat-tisħiħ tas-suq intern. Il-Komunità Ekonomika Ewropea, kif jissuġġerixxi isimha stess, ikkorrispondiet għal din l-istrateġija u fil-bidu l-Unjoni Ewropea nbniet permezz tal-liberalizzazzjoni tal-iskambji ekonomiċi bejn l-Istati Membri.

Ir-rapporteur jissottolinja li dan ma kienx il-każ fejn tidħol l-armonizzazzjoni tad-drittijiet soċjali u li, apparti xi prinċipji stabbiliti fit-Trattat u ċerti Direttivi, intlaħaq qbil li l-Istati Membri għandhom iżommu r-responsabilità fil-qasam soċjali; teżisti asimetrija de facto bejn ir-realtà ta' suq intern dejjem aktar żviluppat u sett ta' drittijiet soċjali eteroġenei ħafna.

Ir-rapporteur josserva li dan il-paradoss wassal għal kompetizzjoni bejn l-intrapriżi, peress li l-ħaddiema Ewropej la għandhom l-istess obbligi soċjali u lanqas l-istess drittijiet soċjali. Il-prinċipju stess ta' kompetizzjoni ġusta bejn l-intrapriżi u l-promozzjoni ta' ekonomija soċjali tas-suq mill-Unjoni għandhom difetti kbar. Dawn is-sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni ekonomika u soċjali inġusta jirrappreżentaw ukoll ostaklu għaż-żamma ta' protezzjoni soċjali ta' livell għoli fl-Ewropa: fil-fatt, il-kompetizzjoni esaġerata bejn l-operaturi ekonomiċi twassalhom biex inaqqsu l-infiq assoċjat mal-ispejjeż tax-xogħol; din is-sitwazzjoni qed twassal għad-dgħufija tal-istandards soċjali li huma fis-seħħ fl-Istati Membri differenti tal-Unjoni, qed tiddegrada gradwalment id-drittijiet kollha li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-impjegati Ewropej u fl-aħħar nett qed tnaqqas ir-riżorsi finanzjarji neċessarji għas-sistemi differenti ta' protezzjoni soċjali.
Jeħtieg ukoll li l-fraġilità speċifika tal-protezzjoni soċjali ta' ċerti impjegati tiġi enfasizzata. B'mod partikolari din hija s-sitwazzjoni tal-"persuni li jaħdmu fuq il-baħar", li huma vittmi tal-użu minn ħafna sidien ta' vapuri tal-bnadar ta' konvenjenza. Dan jippermetti li dawn l-impjegaturi jevitaw bosta obbligi soċjali. Dawn il-prattiki għandhom impatt negattiv fuq l-istandards tas-sigurtà u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tan-numru ta' baħħara kwalifikati Ewropej u għat-telfien tal-ħila esperta tagħhom.

Ir-rapporteur jenfasizza wkoll l-effetti politiċi ta' din l-asimetrija bejn il-libertajiet eknomiċi u d-drittijiet soċjali: dan in-nuqqas isaħħaħ l-idea li l-Ewropa ddgħajjef kemm lill-individwi kif ukoll lill-komunitajiet, minflok tiżgura l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet. Għalhekk, il-proliferazzjoni ta' prattiki abbużivi u l-eżerċizzju ta' kompetizzjoni soċjali inġusta jdgħajfu l-adeżjoni mal-prinċipju tas-suq intern u jimminaw il-fiduċja fil-proġett Ewropew. Dawn il-fenomeni jħeġġu tendenzi protezzjonisti min-naħa tal-Istati Membri u t-teħid ta' deċiżjonijiet unilaterali min-naħa tagħhom fil-qasam soċjali.

Ir-rapporteur jinnota madankollu li l-awtoritajiet tal-UE huma parzjalment konxji ta' dan is-suġġett u jfakkar fid-dikjarazzjoni solenni ta' Jean-Claude Juncker fil-15 ta' Lulju 2014 quddiem il-Parlament Ewropew favur il-ġlieda kontra d-dumping soċjali matul il-leġiżlatura attwali. Ir-rapporteur ifakkar ukoll li matul id-diskors tiegħu dwar l-istat tal-Unjoni fl-2015, il-President tal-Kummissjoni xtaq li "jiġu evitati l-abbużi u r-riskji tad-dumping soċjali".

Wara diversi seduti ta' smigħ ma' esperti, imprendituri u rappreżentanti tal-impjegati, ir-

rapporteur jirrakkomanda diversi miżuri li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-lakuni leġiżlattivi u regolatorji li jħeġġu l-iżvilupp tal-kompetizzjoni inġusta attwali fi ħdan is-suq intern.

L-ewwel nett huwa jipproponi r-rinfurzar tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti. F'dan ir-rigward, ir-riżorsi umani u finanzjarji li qegħdin għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-infurzar tar-regolamenti għandhom jissaħħu b'mod sinifikanti.

Huwa jissottolinja r-riformi meħtieġa sabiex tiġi mmodernizzata r-reġistrazzjoni tax-xogħol imwettaq u l-ħtieġa ta' żvilupp ta' dokument diġitali uniku li jinkludi d-drittijiet soċjali għal kull ħaddiem Ewropew. Ir-rapporteur jsostni li l-ġlieda kontra l-kumpaniji msejħa "kaxxi tal-ittri" għandha tissaħħaħ, speċjalment b'obbligi ġodda f'termini ta' indirizzi uffiċjali. Finalment, ir-rapporteur jipproponi li tiġi stabbilita lista Ewropea tal-kumpaniji responsabbli għal reati serji bħar-rikors għal xogħol mhux dikjarat.

Id-direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema għandha tkun is-suġġett ta' reviżjoni li twitti t-triq għal modifika tal-bażi ġuridika attwali tagħha kif ukoll tar-regolamenti ta' koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali. Barra minn hekk, ċerti arranġamenti fis-seħħ bħalissa fil-qasam tal-istazzjonar għandhom jiġu emendati sabiex jiggarantixxu l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema u kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari r-regoli dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Ir-rapporteur jinsisti li għandhom jittieħdu azzjonijiet urġenti fil-qasam tat-trasport, li spiss huwa qasam li fih id-drittijiet soċjali tista' tgħid ma jeżistux, biex jiġu żgurati kemm l-applikazzjoni tajba tal-leġiżlazzjoni attwali kif ukoll ir-rinfurzar tas-sistemi ta' kontroll.

Ir-rapporteur finalment jirrakkomanda li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konverġenza soċjali fl-Unjoni Ewropea. Huwa jitlob protokoll soċjali biex tiġi żgurata l-predominanza tad-drittijiet soċjali fuq il-libertajiet ekonomiċi u jirrakkomanda, filwaqt li jiġu rispettati l-awtonomija tas-sħab soċjali u d-diversità tat-tradizzjonijiet legali li jirregolaw is-sistemi soċjali nazzjonali, l-istabbiliment ta' pagi minimi li jistgħu jiġu estiżi għal-livell Komunitarju f'ċerti oqsma bħat-trasport.

Ir-rapporteur jixtieq li s-sett bażiku tad-drittijiet soċjali mħabbar mill-Kummissjoni Ewropea ma jkunx limitat għall-iżvilupp ta' kriterji komparattivi sempliċi. Huwa jitlob l-istabbiliment ta' dmir ta' diliġenza għall-kumpaniji Ewropej prinċipali fir-rigward tal-attivitajiet tas-sussidjarji u sottokuntratturi tagħhom fil-pajjiżi terzi.

Ir-rapporteur xtaq li jagħmel proposti konkreti, ħafna drabi appoġġjati minn impjegaturi, impjegati jew esperti fil-qasam. Huwa jinsisti fuq l-importanza tal-kwistjonijiet soċjali b'mod partikolari l-kompetizzjoni soċjali inġusta taċ-ċittadini Ewropej. Huwa għalhekk jenfasizza l-importanza li l-Parlament Ewropew jitkellem b'leħen sod u fil-beraħ sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' Ewropa aktar soċjali u għalhekk aktar appoġġjata mill-popli tagħha.

8.4.2016

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea
(2015/2255(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Nilsson

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi, fis-settur tat-trasport, is-sigurtà, is-sikurezza tal-passiġġieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa huma sa ċertu punt interkonnessi;

B. billi l-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport ġie kkonfermat li huwa l-objettiv aħħari tal-White Paper tal-2011 dwar it-Trasport;

C. billi l-industrija tat-trasport hija s-sinsla tad-dahar tas-suq uniku tal-UE bil-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-ħaddiema, u d-dritt ta' stabbiliment, u billi l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jimplika li x-xogħol ugwali, id-drittijiet ugwali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-kompetizzjoni ġusta għandhom ikunu fil-qalba ta' suq uniku li jiffunzjona sew;

D. billi l-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE fis-settur tat-trasport bit-triq għandu jkollha l-għan primarjament li tkompli ttejjeb aktar l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-reġim eżistenti u għandha tkun proporzjonali għad-daqs tal-problemi;

E. billi kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol għandha tirrispetta l-libertajiet fundamentali kollha tal-UE u m'għandha la tirrestrinġi l-kompetizzjoni ġusta bbażata fuq vantaġġi kompetittivi oġġettivi u lanqas toħloq piż amministrattiv ulterjuri u spejjeż addizzjonali għall-impriżi tat-trasport, speċjalment għall-SMEs;

F. billi t-trasport, b'mod partikolari t-trasport internazzjonali u l-kabotaġġ, ma jaqax taħt id-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema (Direttiva 96/71/KE), u billi għandha tingħata

attenzjoni lid-dikjarazzjoni komuni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dan ir-rigward (10048/96 ADD 1);

G. billi l-irregolaritajiet li jgħawġu l-kompetizzjoni ġusta fit-trasport għandhom jiġu indirizzati b'mod determinat minnufih permezz ta' interpretazzjoni konsistenti, applikazzjoni uniformi u infurzar aktar b'saħħtu tal-leġiżlazzjoni attwali, kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera akbar, b'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' sussidjarjetà;

1. Itenni li ma hemm l-ebda definizzjoni ċara u aċċettata b'mod universali ta' 'dumping soċjali' u li jeżistu interpretazzjonijiet differenti ta' dan it-terminu, sitwazzjoni li tista' toħloq konfużjoni; iqis li huwa neċessarju li l-kunċett ta' 'dumping soċjali' jiġi interpretat mill-ġdid; ifakkar li l-kunċett ta' dumping, li huwa familjari mill-politika tal-kummerċ, huwa differenti fil-każ tat-trasport u b'mod aktar ġenerali f'dak tax-xogħol;

2. Ifakkar li t-terminu 'dumping soċjali' xi kultant jintuża ħażin sabiex jinkludi miżuri protezzjonisti li jistgħu jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq komuni tal-UE;

3. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ, effiċjenti u mhux diskriminatorju l-leġiżlazzjoni soċjali rilevanti kollha li tkopri s-settur tat-trasport u jżidu l-għadd ta' kontrolli li fil-fatt isiru, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw aktar mill-qrib l-implimentazzjoni, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-interpretazzjoni u l-infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni eżistenti, sabiex jeliminaw għalkollox il-lakuni leġiżlattivi eżistenti u l-użu ħażin tal-liġijiet nazzjonali biex jiġi impedit il-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri protezzjonisti u ostakli mhux ġustifikati; jenfasizza li ma għandu jkun hemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni ġusta, il-moviment liberu u l-libertà ta' stabbiliment; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tarmonizza aktar it-twettiq ta' kontrolli u tippenalizza l-kontrolli insuffiċjenti jew nieqsa min-naħa tal-Istati Membri;

4. Jenfasizza li definizzjoni preċiża tal-problemi fis-settur tat-trasport tal-UE hija prerekwiżit għal azzjoni legali fil-livell kemm tal-UE jew dak nazzjonali u li kwalunkwe problema fis-suq tat-trasport tal-UE għandha tiġi indirizzata b'mod determinat permezz ta' approċċ immirat li mhux se jxekkel lin-negozji li joperaw b'mod onest;

5. Jenfasizza li kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni tat-trasport tal-UE trid tkun proporzjonata u bbażata fuq l-evidenza, analiżi dettaljata u data oġġettiva sabiex ikun żgurat li s-soluzzjonijiet proposti jsaħħu l-iżvilupp ta' settur tat-trasport effiċjenti u kompetittiv;

6. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u b'hekk ta' ħolqien tal-impjiegi fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu tal-UE; jemmen bis-sħiħ li l-impjieg fis-settur tat-trasport tal-UE għandu jsir aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri f'settur li jeħtieġ professjonisti ġodda; jikkunsidra b'mod partikolari li l-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ għandha titħeġġeġ; jenfasizza li t-taħriġ għall-impjegati, meta jkun rilevanti, għandu jinkludi informazzjoni bażika dwar id-drittijiet tagħhom li tiddisponi għalihom il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti dwar il-ftuħ tas-servizzi fis-swieq kollha tat-trasport jimxu id f'id mal-infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE, u b'miżuri ta' appoġġ immirati biex jiġu evitati d-disparitajiet bejn il-kundizzjonijiet soċjali fl-Istati Membri differenti; jenfasizza li l-ftuħ tas-swieq tat-trasport ma għandux iwassal għal tnaqqis fil-grad tat-termini u l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema, servizzi ta' kwalità ifqar, prattiki kummerċjali inġusti, il-ħolqien ta' monopolji jew it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni ġusta fir-rigward tal-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tat-trasport;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw djalogu soċjali msaħħaħ fis-setturi tat-trasport u tal-loġistika kollha kemm huma;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-passi neċessarji sabiex jikkumbattu l-attivitajiet illegali, il-kumpaniji tal-isem u l-prattiki kummerċjali żleali bħalma huma l-kuntratti atipiċi, bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema u ċ-ċertezza ġuridika għan-negozji permezz ta' infurzar aktar effettiv; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw standards minimi xierqa għall-impjegati tat-trasport;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ħaddiema fis-setturi Ewropej tat-trasport u tat-turiżmu li mhumiex residenti tal-UE wkoll jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli skont d-dritt tal-UE;

11. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fir-rigward tar-Regolament tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u leġiżlazzjoni rilevanti oħra, jappoġġjaw il-kuntratti ta' impjieg dirett bħala l-mudell standard u jirrestrinġu l-użu ta' kuntratti ta' impjieg atipiċi;

12. Jitlob li jiżdied il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ fl-industrija tat-trasport bit-triq; jitlob li jkun hemm titjib fl-apparati ta' monitoraġġ u l-introduzzjoni f'waqtha tat-takografu intelliġenti għall-użu professjonali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa, effiċjenti u nondiskriminatorja tal-leġiżlazzjoni eżistenti mill-Istati Membri mingħajr ma jinħoloq l-ebda piż amministrattiv żejjed; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħolqien ta' 'fajl elettroniku u integrat tal-operatur' għall-operaturi kollha li joperaw bil-liċenzja Komunitarja, bil-għan li tinġabar id-data rilevanti kollha dwar il-karriera, il-vettura u s-sewwieq li tkun inġabret waqt il-kontrolli fit-triq;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tittratta l-aspetti soċjali u s-sikurezza bħala prijorità maġġuri tal-Pakkett tat-Triq, inklużi miżuri biex tittejjeb iċ-ċarezza ġuridika u tiġi ffaċilitata l-libertà li dak li jkun jagħti servizzi tat-trasport madwar l-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw kif jixraq ir-regoli li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali, u filwaqt li jitqies il-livell ta' żvilupp tas-settur tat-trasport fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-intrapriża tat-trasport u l-livell ta' produttività tax-xogħol tas-settur; jenfasizza l-bżonn li l-kontrolli jivvalutaw kif jixraq f'liema Stat Membru jseħħ ix-xogħol reali ta' operatur tat-triq u l-impjegati tiegħu u għalhekk liema leġiżlazzjoni soċjali nazzjonali għandha tapplika;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal proposti għall-inizjattivi li se jsiru dalwaqt dwar it-trasport bit-triq li jippermettu li ssir distinzjoni aktar effikaċi bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment, bil-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' negozju jkunu ta' natura temporanja fi Stat Membru li fih kumpanija ma tkunx stabbilita u

biex jiġi żgurat li l-impjegati jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn għandhom il-post tax-xogħol abitwali tagħhom jew jew fejn iwettqu l-parti l-kbira tal-attività professjonali tagħhom;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika b'mod kollettiv, lill-persunal mobbli fl-industrija tat-trasport bit-triq, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 (Ruma I) kif interpretat mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-kawża ta' Koelzsch (C-29/10, Sentenza tal-Qorti (Awla Manja)) tal-15 ta' Marzu 2011;

16. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għandhom sistema ta' pedaġġ iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza d-data tal-pedaġġ miġbura biex tiġi vvalutata ħalli l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ikunu jistgħu jiġu skrutinizzati b'mod aktar effettiv;

17. Jitlob li jiġu pprovduti spazji ta' parkeġġ sikuri u li l-istandards tagħhom tal-kwalità u l-iġjene jiġu mtejba;

18. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jikkooperaw minn naħa għall-oħra tal-fruntieri fir-rigward ta' informazzjoni dwar l-infurzar, jagħtu lill-awtoritajiet ta' sorveljanza aċċess aħjar għad-data mniżżla fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri u fir-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) u jikkonsolidaw il-lista ta' infrazzjonijiet li jwasslu għat-telfa tar-reputazzjoni tajba tal-operaturi tat-trasport bit-triq billi jinkludu n-nonkonformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti; jenfasizza li r-responsabbiltà għall-ksur tar-regoli għandha taqa' fuq dawk li jagħtu l-ordnijiet lill-ħaddiema;

19. Jirrifjuta kwalunkwe liberalizzazzjoni ulterjuri tal-kabotaġġ qabel ma l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku attwali jkun ġie msaħħaħ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi regoli mtejba biex tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar u jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-Trasport Ikkombinat bil-għan li jiġu eliminati l-prattiki inġusti, u jappella biex aktar miżuri jikkonformaw mal-leġislazzjoni soċjali relatata mat-trasport ikkombinat;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina u ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tat-trasport bit-triq fost l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' sforzi oħra intiżi biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi; jinnota li l-infurzar tal-leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri; Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib mal-Euro Contrôle Route u mat-TISPOL bil-għan li tittejjeb l-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-trasport bit-triq tal-UE billi jiżguraw l-implimentazzjoni ugwali u xierqa tagħha;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tippromwovi l-istandardizzazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri kollha rigward it-trasport bit-triq;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Europol, tinvestiga l-firxa tal-frodi li jinvolvu dokumenti tat-trasport u liċenzji tas-sewqan fl-UE, u tieħu azzjoni fid-dawl tas-sejbiet;

23. Iqis li l-istabbiliment possibbli ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq jew korp ieħor

responsabbli għall-ispezzjonijiet tax-xogħol transfruntier għandu jiġi ppreċedut minn valutazzjoni dettaljata tar-regoli eżistenti u l-possibilitajiet attwali ta' titjibiet potenzjali, fir-rispett sħiħ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u t-tqassim tal-kompetenzi f'dan il-qasam bejn l-UE u l-Istati Membri;

24. Jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-infurzar għandu jittejjeb; jemmen, f'dan il-kuntest, li l-attivitajiet imwettqa fil-Euro Contrôle Route u inizjattivi bħalma huma l-proġett CLOSER jikkostitwixxu mezz xieraq biex jiġi indirizzat l-objettiv ta' infurzar imtejjeb;

25. Jenfasizza li d-dimensjoni soċjali tal-'Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa tal-Kummissjoni' ppubblikata fis-7 ta' Diċembru 2015 għandha tissaħħaħ, peress li impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol tajba huma marbuta direttament maż-żamma tas-sikurezza u s-sigurtà kemm tal-passiġġieri u kemm tal-persunal; jenfasizza barra minn hekk, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw u jiżguraw l-infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni soċjali nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi għal-linji tal-ajru li għandhom bażijiet operattivi fuq it-territorju tal-UE; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rabta ta' bejn l-istandards soċjali u ambjentali u l-kwalità tas-servizz, kif ukoll is-sikurezza; jagħraf l-importanza li jiġi stabbilit it-taħriġ minimu għall-persunal tal-manutenzjoni fl-avjazzjoni ċivili; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi rieżami tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 u tanalizza l-kawżi tan-nonimplimentazzjoni tagħha;

26. Jitlob li r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 mtejjeb jiżgura l-applikazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol għal-linji tal-ajru li jkollhom bażijiet operattivi fl-UE u jtejjeb id-definizzjoni u l-kunċett tat-terminu "post prinċipali tan-negozju", u wkoll, fil-kuntest tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-liġi tax-xogħol, li tiġi allinjata d-definizzjoni ta' "bażi tas-servizz" għall-membri tal-ekwipaġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 83/2014 u r-Regolament (UE) Nru 465/2012;

27. Iqis li, fis-settur marittimu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni soċjali, inkluża l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, tal-2006; jinnota d-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li għandhom il-għan li jappoġġjaw is-settur marittimu Ewropew billi jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni jew ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti fir-reġistri tal-bandiera tal-Istati Membri permezz ta' ambjenti favorevoli tat-taxxa (taxxa fuq it-tunnellaġġ); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw miżuri li jinkoraġġixxu r-reklutaġġ u ż-żamma ta' baħħara tas-sengħa bbażati fl-Ewropa;

28. Jenfasizza li, mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali u għad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-ftehimiet kollettivi bejn is-sħab soċjali, l-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi mill-fornitur maħtur tas-servizzi tat-trasport li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal abbażi ta' standards soċjali nazzjonali, reġjonali jew lokali vinkolanti u jimplimenta d-Direttiva 2001/23/KE dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati meta s-sjieda ta' kumpanija jew negozju tiġi trasferita;

29. Jitlob li l-Kummissjoni (id-DĠ għall-Kompetizzjoni), flimkien mal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, tiskrutinizza l-attività tal-kumpaniji tat-trasport u tivvaluta l-osservanza tal-liġijiet tal-kompetizzjoni li hemm fis-seħħ;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal rakkomandazzjonijiet dwar ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ

għall-persunal kollu involut fl-operazzjonijiet tas-sikurezza fis-settur ferrovjarju u ssalvagwardja l-ekwilibriju ekonomiku tal-obbligi tas-servizz pubbliku.

31. Jistieden lill-Kummissjoni, minħabba l-avvanz tat-teknoloġija tat-trasport, b'mod partikolari l-fatt li tfaċċaw sistemi ta' sewqan awtomatizzati kompletament fit-trasport bit-triq, biex l-ewwel nett teżamina r-regolamentazzjoni futura ta' dawn it-teknoloġiji u, it-tieni nett,tqis l-impatt enormi li se jkollhom fuq l-impjiegi fis-settur tat-trasport.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.4.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 6<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Marie-Christine Arnautu, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Karima Delli, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Miltiadis Kyrkos, Peter Lundgren, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Cláudia Monteiro de Aguiar, Jens Nilsson, Markus Pieper, Salvatore Domenico Pogliese, Gabriele Preuß, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, David-Maria Sassoli, Jill Seymour, Claudia Tapardel, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Peter van Dalen, Wim van de Camp, Janusz Zemke, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ivo Belet, Kateřina Konečná, Werner Kuhn, Massimo Paolucci, Marek Plura, Herbert Reul |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Edward Czesak, Sven Schulze, Marc Tarabella, Isabelle Thomas |

18.2.2016

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea
(2015/2255(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Evelyn Regner

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali huwa rikonoxxut skont l-Artikolu 157 tat-TFUE; billi, fid-dawl tal-eżistenza tad-dumping soċjali, għandu jiġi żgurat il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post tax-xogħol; billi d-dritt għal opportunitajiet indaqs, aċċess għat-taħriġ u progress fil-karriera għandu jiġi ggarantit; billi n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipla, sitwazzjoni li tqegħidhom f'riskju saħansitra akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali;

B. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li huma firmatarji tagħha l-Istati Membri kollha, tistipula li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha; billi, fir-rigward tad-dumping soċjali, sfida ewlenija għall-UE hija li żżid l-impjieg fost in-nisa, ittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u telimina d-disparità bejn is-sessi;

C. billi d-dumping soċjali għandu impatt akbar f'ambjenti soċjali u kulturali fejn jeżisti għarfien limitat tad-drittijiet tal-ħaddiema u fejn in-nisa jsibu diffikultajiet akbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, u huwa fenomenu li jista' jimmanifesta ruħu f'diversi suriet; billi l-agħar forma ta' dumping soċjali huwa x-xogħol mhux iddikjarat;

D. billi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha teżisti, u, minkejja l-leġiżlazzjoni u r-rakkomandazzjonijet ta' liġi mhux vinkolanti tal-UE, il-progress f'dan il-qasam huwa estremament baxx; billi s-sitwazzjoni hija mħarrxa mid-dumping soċjali, flimkien mad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, li twassal għal diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi li tqiegħed lin-nisa f'riskju akbar ta' faqar fost l-anzjani;

E. billi t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari t-traffikar tan-nisa, mhux biss minn pajjiżi terzi għall-UE iżda wkoll bejn pajjiżi tal-UE, spiss huwa assoċjat ma' kuntratti ta' impjieg

foloz;

1. Jinnota li n-nisa jintlaqtu l-aktar mid-dumping soċjali f'setturi partikolari, inkluż is-settur tal-ekonomija domestika u s-settur tal-kura (speċjalment il-kura fid-dar), iżda wkoll f'setturi ta' 'stazzjonar' tradizzjonali, bħalma huma s-settur tal-ipproċessar tal-laħam u s-settur tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tevalwa s-sitwazzjonijiet kollha fejn in-nisa jesperjenzaw dumping soċjali u dumping tal-pagi jew xogħol mhux iddikjarat, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata eżistenti;

2. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-kontrolli fuq in-negozji u jippenalizzaw il-prattiki ta' dumping soċjali;

3. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri speċifiċi bil-għan li jipprofessjonalizzaw u jikkwalifikaw, b'mod armonizzat, xogħol bħalma huwa dak domestiku, li spiss huma pprattikati b'mod illegali;

4. Jitlob li, fi skambji futuri bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni għall-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat, tingħata attenzjoni speċjali lis-setturi fejn in-nisa jintlaqtu l-agħar sabiex jittejbu l-kontrolli li jistgħu jsiru;

5. Jinnota li l-paga, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandhom, tul l-istazzjonar, l-impjieg jew it-tul ta' żmien tax-xogħol temporanju fi Stat Membru ieħor, ikunu minn tal-inqas l-istess bħal dawk għall-ħaddiema nisa tal-Istat Membru fejn jintbagħtu dawn il-ħaddiema;

6. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' netwerk ta' uffiċċji ta' informazzjoni li jipprovdi assistenza u informazzjoni dwar id-drittijiet tan-nisa ħaddiema stazzjonati jew trasferiti temporanjament għal Stat Membru ieħor u l-obbligi ta' min iħaddem, jekk possibbli fil-lingwa tal-ħaddiema migranti stess, u websajt li tipprovdi l-istess servizz; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu assistenza legali rilevanti lill-impjegati dwar kwistjonijiet relatati mal-liġi tax-xogħol;

7. Jenfasizza li s-sottokuntratturi kollha, eż. aġenziji temporanji li l-aktar jibagħtu nisa lejn Stati Membri oħra għall-finijiet ta' xogħol domestiku u l-kura fid-dar, għandhom ikunu responsabbli għal pagi mhux imħallsa, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni għall-inċidenti u d-dispożizzjonijiet tal-mard u l-korrimenti; jisħaq li s-sottokuntratturi jeħtieġ li jkunu kapaċi wkoll jassistu lill-impjegati f'każ ta' trattament ħażin u abbuż min-naħa tal-klijenti, kif ukoll f'każ ta' rimpatriju;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jsaħħu l-miżuri effikaċi ta' kontroll u s-sanzjonijiet għal min iħaddem f'setturi fejn in-nisa huma vittmi ta' dumping soċjali u xogħol mhux iddikjarat, u tipprovdi informazzjoni adegwata dwar impjegaturi li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-leġiżlazzjoni nazzjonali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri speċifiċi biex tgħin lin-nisa milquta mid-dumping soċjali billi tiffoka fuq il-politiki u l-miżuri ġenerali kollha dwar il-ksib tal-ugwaljanza, filwaqt li tqis is-segregazzjoni li għaddejja fis-suq tax-xogħol u l-inugwaljanzi fil-kuntratti ta' impjieg, kif riflessi fid-differenzi li attwalment jeżistu bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

10. Jitlob li jiġi msaħħaħ ir-rwol tas-sħab soċjali, b'mod partikolari fit-trade unions, fid-dawl tal-importanza tagħhom fl-għoti ta' informazzjoni, il-prevenzjoni, ir-rappurtar u l-ġlieda kontra prattiki tax-xogħol li huma ta' ħsara u li jmorru kontra r-responsabilità soċjali korporattiva u l-kunċett ta' xogħol deċenti.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 18.2.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Maria Arena, Catherine Bearder, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Viorica Dăncilă, Iratxe García Pérez, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Mlinar, Angelika Niebler, Maria Noichl, Marijana Petir, João Pimenta Lopes, Terry Reintke, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Biljana Borzan, Rosa Estaràs Ferragut, Arne Gericke, Kostadinka Kuneva, Constance Le Grip, Dubravka Šuica, Marc Tarabella |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mike Hookem |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
## FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.7.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 7<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Javi López, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Georges Bach, Amjad Bashir, Karima Delli, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Paloma López Bermejo, Csaba Sógor, Neoklis Sylikiotis |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jens Nilsson |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 37 | + |
|---|---|
| EFDD | Laura Agea, Daniela Aiuto, Tiziana Beghin |
| GUE/NGL | Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis |
| PPE | Georges Bach, David Casa, Danuta Jazłowiecka, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jérôme Lavrilleux, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Csaba Sógor, Romana Tomc |
| S&D | Guillaume Balas, Brando Benifei, Vilija Blinkeviciute, Ole Christensen, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Javi López, Jens Nilsson, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Marita Ulvskog |
| VERTS/ALE | Karima Delli, Jean Lambert, Terry Reintke |

| 7 | - |
|---|---|
| ECR | Amjad Bashir, Arne Gericke, Czesław Hoc, Anthea McIntyre, Ulrike Trebesius |
| ENF | Mara Bizzotto |
| NI | Lampros Fountoulis |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ALDE | Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin, Yana Toom, Renate Weber |
| PPE | Dieter-Lebrecht Koch, Thomas Mann, Sven Schulze |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni